MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2005

Numru 314/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Andrew Bezzina**

**Illum 14 ta' Settembru, 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Andrew Bezzina ta' 22 sena imwieled Pieta nhar is-26 ta' Novembru 1982 bin Carmel u Rita nee' Bartolo residenti 26 Laqxija Street Birkirkara jew Flat 3 Tone age Buildings Triq San Vincenz

Hamrun detentur ta' Karta tal-identita Nru 647582M Tel 79392243 gie akkuzat talli:

1. nhar l-10 ta' April 2005 bejn it-3.00 am u is-6.00 am waqt li kien gewwa l-istabbilimenti Going Places ta' Triq Paceville San Giljan, u min gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Redsquare' fi Triq San Gorg Giljan ikkommetta serq ta' handbags, accessorji ohra u telefon cellulari a detriment ta' Christabel Grima mill-Hamrun, Nathalie Dimech minn Hal-Ghaxaq, David Calleja mill-Hamrun u Dorianne Micallef minn Hal Qormi liema serq huwa aggravat bil-hin u bl-ammont u dan ai terminu tal-artikolu 261, 267 u 270 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. u aktar talli fl-istess postijiet, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe' l-oggetti imsemmija fl-ewwel akkuzi a detriment tal-istess persuni imsemmija kif ukoll accessorji ohra a detriment ta' Rachelle Tabone minn San Gwann, Bank of Valletta Ltd PLC u HSBC Bank Ltd u dan ai termini tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. u aktar talli matul ix-xhur u gimghat ta' qabel il-10 ta' April 2005, f'diversi bnadi gewwa il-gzejjer ta' Malta garr u kien fil-pussess ta' strumenti li jaqtghu u bil-ponta u dan ai terminu ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta
4. u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti preseduta mill-Magistrat Dr L. Quintano LL.D. nhar it-22 ta' Novembru 2005 liema Sentenza saret definittiva.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SNG1 u nnuntat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq

u ghalhekk il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Innutat ukoll illi fl-istess Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni m'ghandhiex aktar provi u inoltre iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-rifurtiva kienet ritornata immedjatament wara l-arrest tieghu.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-artikoli 18, 261 (c) u (f), 267, 270, 279, 280 u 281(a) tal-Kap 9 u l-artikolu 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Andrew Bezzina, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill imputat Andrew Bezzina ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u hamsa u tletin Liri Maltin (Lm35) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Andrew Bezzina jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward ghat-tieni akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-

akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Inkwantu ghar-raba' akkuza migjuba kontra l-imputat ma ssibx lill-imputat Andrew Bezzina hati ta' din l-akkuza peress illi ma tirrizultax u ghalhekk tillibera lill-imsemmi imputat Andrew Bezzina minn din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Andrew Bezzina l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------